# IS-SEBA’

# MAGĦMUDIJIET

# TAL-BIBBJA

## IL-MAGĦMUDIJIET TAL-BIBBJA

## INTRODUZZJONI

A. Għal aktar minn seklu ebda suġġett reliġjuż ma qanqal aktar kontroversja mis-suġġett tal-magħmudija.

1. Madankollu, it-tagħlim ta' l-Iskrittura fuq dan is-suġġett hu ċar daqs kemm hu fuq kull suġġett ieħor.
2. Huwa evidenti, mela, li l-kontroversja kollha mhix minħabba nuqqas ta' tagħlim fil-Bibbja fuq dan is-suġġett, imma pjuttost minħabba n-nuqqas tal-bnie-dem biex jifhem u japplika sewwa dan it-tagħlim.
3. Forsi kawża waħda prinċipli għan-nuqqas ta' fehma jew ta' għarfien bħal dan, huwa n-nuqqas li tiddis-tingwi fost il-magħmudijiet differenti msemmija fil-Bibbja, u li żżomm f'moħħok l-applikazzjonijiet u l-iskopijiet rispettivi tagħhom.
4. Għalhekk aħna rridu li nistudjaw id-diversi magħ-mudijiet imsemmija fil-Bibbja.

B. Fit-Testment il-Ġdid aħna naqraw dwar seba' magħmu-dijiet. (Magħmudija hija esklussivament kelma tat-Test-ment il-Ġdid.)

1. Dan ma huwa bl-ebda mod f'nuqqas ta' armonija ma' l-istqarrija ta' l-appostlu Pawlu ta' "magħmu-dija waħda" (Efesin 4:5).
2. Għax mis-seba', erba' servew l-iskop tagħhom u huma fil-passat, għaddew; l-iskop ta' waħda għad għandu jkun magħmul fil-futur; għalhekk, hemm biss magħmudija waħda issa.

## I. IL-MAGĦMUDIJA F'MOSÈ (1 Korintin 10:1-2).

A. Din il-ġrajja hija miktuba f'Eżodu 14:5-30.

1. Naqraw hekk fil-Korintin: "*Barra minn dan, ħuti, ma rridkomx li ma tkunux tafu, kif missirijietna kollha kienu taħt is-sħaba, u kollha qasmu l-baħar; U kollha tgħammdu f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar.*"
2. Din hija ġrajja storika li ġrat darba biss; għalhekk m'għandha ebda relazzjoni għalina, ħlief f'mod tipiku.
3. Naqraw ukoll: "*Issa dawn il-ħwejjeġ kollha ġrawl-hom* ***b'eżempju****: u huma miktubin bħala twiddiba għalina…*" 1 Korintin 10:11).
   a. "B'eżempju."
4. "*Tgħammdu f'Mosè*"

a. Jiġifieri, tgħammdu fil-patt li tiegħu Mosè kien il-Medjatur, u b'hekk miġjuba taħt l-obligu li jżomm il-preċetti ta' dak il-patt.

5. Imma llum aħna "*mgħammdin fi Kristu*" (Galatin 3:27).

## II. IL-MAGĦMUDIJA TA' ĠWANNI (Mattew 3:1-2, 11).

A. Ġwanni l-Battista ipprepara lin-nies għall-miġja tal-Messija (Luqa 1:17).

1. Naqraw hekk f'Mattew 3:1-2, 11 – "*F'dawk il-jiem ġie Ġwanni l-Battista, ixandar fid-deżert tal-Lhudi-ja. U jgħid: Indmu; għax qorbot is-saltna tas-smew-wiet….Jien tassew ngħammidkom bl-ilma għall-indiema: iżda dak li jiġi warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix narfa' l-qorq tiegħu: hu jgħam-midkom bl-Ispirtu s-Santu, u bin-nar.*"
2. Forsi qatt ma kien hemm żmien fl-istorja kollha ta' Israel meta huma kienu tbiegħdu aktar 'il bogħod fil-ħażen minnn sewwasew qabel ma ġie Ġesù.
   a. Kieku Ġesù ġie mingħajr ma kien ikun hemm xi ħadd biex jipprepara t-triq minn qabel u jirrifor-ma lin-nies, kieku ċertament li kien ikun maqtul qabel max-xogħol Tiegħu kien ikun komplut.
   b. Hekk naraw l-għerf t'Alla f'li jibgħat lil Ġwan-ni biex jipprepara t-triq (Malakija 3:1-2; 4:5-6).
3. Għalhekk il-missjoni ta' Ġwanni kienet waħda ta' preparazzjoni (Mattew 3:1-2).
   a. Il-messaġġ u l-magħmudija tiegħu kienu ta' preparazzjoni.
4. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet differenti mill-magħmudija kkmandata minn Ġesù Kristu.
   a. Dawk mgħammdin minn Ġwanni kellhom jemmnu fuq Dak li kellu jiġi, (Atti 19:4); imma dawk mgħammdin bil-magħmudija Kristjana kellhom jistqarru l-fidi tagħhom fi Kristu (Atti 8:36-38).
   b. Wara li Kristu ta l-Kummissjoni l-Kbira, dawk li kienu mgħammdin kienu mgħammdin "fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (Mattew 28:19); imma Ġwanni qatt ma għammed f'dan l-isem.
   c. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet għal-Lhud biss, imma mhux hekk bil-magħmudija Krist-jana, li hija għall-ġnus kollha (Mark 16:15-16).

B. Mela, l-magħmudija ta' Ġwanni ma tapplikax illum (Atti 19:1-5).

1. Hawn naraw li wara l-mewt ta' Kristu, il-magħ-mudija ta' Ġwanni ma baqgħetx valida.

## III. IL-MAGĦMUDIJA TAT-TBATIJA (Mattew 20:22-23).

A. Kristu spiss irrifera għat-tbatjiet li kien hemm lesti għalih bħala magħmudija.
   1. Mattew 20:22-23 – "*Iżda Ġesù wieġeb u qal: Ma tafux x'intom titolbu. Tistgħu intom tixorbu mill-kalċi li għandi nixrob, u titgħammdu bil-magħmu-dija li biha jien imgħammed? Qalulu: Nistgħu. Qalilhom: Tassew tixorbu mill-kalċi tiegħi, u tit-għammdu bil-magħmudija li tgħammidt jien: iżda li toqogħdu fuq il-lemin tiegħi, u fuq ix-xellug, mhux minni li jingħata, iżda jingħata lil dawk li għalihom hu mħejji minn Missieri.*"

B. Magħmudija tfisser "li tgħaddas, li tidfen, li tniżżel taħt l-ilma."
   1. Għalhekk b'magħmudija tat-tbatija Ġesù fisser l-immersjoni jew it-tgħaddis tat-tbatija.

Ċ. Imma din mhijiex il-magħmudija kkmadata minn Kristu fil-Kummissjoni l-Kbira.

## IV. IL-MAGĦMUDIJA TAN-NAR (Mattew 3:11).

A. Ġwanni hawn kien qiegħed ikellem lill-folla mħallta.
   1. Mattew 3:11 – "*Jiena tassew ngħammidkom bl-ilma għall-indiema: iżda dak li jiġi warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix narfa' l-qorq tiegħu: hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu, u bin-nar.*"
   2. Oħrajn, bħall-Fariżej u s-Sadduċej, jirriġettaw lill-Messija, u huma jkunu mgħammdin bin-nar.
      a. Għalhekk Ġwanni sejħilhom "*nisel il-lifgħat*" (Mattew 3:7).

B. X'inhi l-magħmudija tan-nar?
   1. Hija l-post finali tal-ħżiena, fin-"*nar ta' l-infern*" (Mattew 5:22).
   2. Hija li tkun mitfugħ "*fin-nar ta' dejjem*" (Mattew 25:41).
   3. Hija li tkun mitfugħ "*fl-għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit*" (Rivelazzjoni 20:10; 21:8).

Ċ. Il-magħmudija tan-nar għadha fil-futur; din għad trid

isservi l-iskop tagħha.

1. Ġesù jgħid hekk dwar dan: "*Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u jiġbru mis-saltna tiegħu l-ħwejjeġ kollha li jfixklu, u dawk li jagħmlu l-ħażen; U jitfagħhom fil-forn tan-nar: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien*" (Mattew 13: 41-42).

## V. IL-MAGĦMUDIJA GĦALL-MEJTIN (1 Korintin 15:29)

A. L-appostlu Pawlu hawn qiegħed jispjega l-qawmien; imma huwa jdur għall-ħwejjeġ ta' esperjenza Krsitjana biex juri li kondotta bħal din hija fiergħa u bla bżonn jekk il-qawmien ma jkunx fatt.
   1. 1 Korintin 15:29 – "*Inkella x'jagħmlu dawk li huma mgħammdin għall-mejtin, jekk il-mejtin ma jqumu bl-ebda mod? Għaliex jitgħammdu għalihom?*"
   2. Kif jidher ċar hawn dan huwa argument serju biex jipprova li l-Kristjani jkunu mqajmin mill-imwiet.
      a. L-iskop, l-intenzjoni u l-konnessjoni jammettu tifsira waħda biss ta' din il-magħmudija—jekk il-mejtin ma jqumux, x'jagħmlu dawk (mejtin spiritwalment) li jitgħammdu bit-tama ta' reżur-rezzjoni?
      b. Xi wħud jaħsbu li l-appostlu qiegħed hawn japprova magħmudija għal ħaddieħor, jiġifieri, il-ħajjin jitgħammdu biex jibbenefikaw il-mejtin li ma kinux mgħammdin meta kienu ħajjin.
      c. Dan ma jistax ikun aċċettat għaliex jikkontra-dixxi wisq siltiet ċari li jgħallmu li l-ġudizzju jkun skond l-għemejjel li nkunu għamilna waqt li konna għadna fil-ġisem (ara 2 Korintin 5:10; 1 Pietru 1:17; Mattew 16:27; Ġwanni 5:28-29; Galatin 6:7; Rumani 2:5-7; 14:12; Rivelazzjoni 20:12-14).
      d. In-nies huma "mgħammdin fi Kristu," biex huma jgħixu Fih, imutu Fih, u fl-aħħarnett ikunu ġġustifikati u salvati Fih.

## VI. IL-MAGĦMUDIJA TA' L-ISPIRTU S-SANTU (Mattew 3:11)

A. Lil min Kristu wiegħed il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu?
   1. "*Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu*" (Matt. 3:11).
   2. Ġesù wiegħed il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu lil l-appostli Tiegħu li lilhom huwa sejjaħ u ħarreġ.
      a. Ġwanni 14:16-17 – "*U jien nitlob 'il Missier, u hu jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħ-kom għal dejjem; Li hu l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax*

*tilqgħu, għax la tarah, u lanqas tafu: iżda intom tafuh; għax igħammar magħ-kom, u jkun fikom.*"

b. Ġwanni 16:13 – "*Imma meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, imexxikom fis-sewwa kollha: għax hu ma jitkellimx minnu nnifsu; iżda dak kollu li jisma', dak jgħid hu: u jgħarrfilkom x'għandu jiġi.*"

B. Alla kien wiegħed, "*U jiġri wara dan, li jien insawwab l-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem…*" (Ġoel 2:28).

1. Hemm biss żewġ kwalitajiet ta' bnedmin—Lhud u Ġentili.
2. L-Ispirtu kien imsawwab fuq il-Lhud (l-appostli) fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Kristu, fil-jum li fih il-knisja ta' Kristu kienet imwaqqfa fuq l-art (Atti 2:1-4).
3. L-Ispirtu kien imsawwab fuq il-Ġentili fid-dar ta' Kornelju, fuq dawk li kienu l-ewwel Ġentili li kkon-vertew għall-evanġelju ta' Kristu (Atti 10:44-48; 11:15).

Ċ. Hemm biss magħmudija waħda llum, u din mhijiex il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu.

1. Il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu wettqet ix-xogħol u l-iskop tagħha (Atti 8:4-25).
2. Fil-Pentekoste l-appostlu Pietru kien xhud ta' żewġ magħmudijiet, il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli u l-magħmudija ta' l-ilma ta' 3000 ruħ li kkonvertew (Atti 2:1-4, 41). Dan kien fit-33 W.K.
3. Fis-sena 44 W.K. Pietru wkoll kien xhud ta' żewġ magħmudijiet fid-dar ta' Kornelju, it-tnejn kienu l-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu u l-magħmudija ta' l-ilma (Atti 10:44-48).
4. Imma l-appostlu Pawlu kiteb li hemm biss "*magħ-mudija waħda*" (Efesin 4:5).
   a. Meta Pawlu kiteb dan, il-magħmudija ta' l-Ispir-tu s-Santu kienet serviet l-iskop tagħha u għad-diet.
   b. Issa aħna għandna nistudjaw *dwar "il-magħmu-dija waħda.*"

## VII. MAGĦMUDIJA KRISTJANA.
## (Rumani 6:1-5)

A. Sa hawn aħna studjajna dwar sitt magħmudijiet: (1) il-magħmudija f'Mosè, (2) il-magħmudija ta' Ġwanni, (3) il-magħmudija tat-tbatija, (4) il-magħmudija tan-nar, (5) il-magħmudija tal-mejtin, u (6) il-magħmudija ta' l-Ispirtu

s-Santu

1. Aħna rajna li ebda waħda minn dawn ma hija l-magħmudija li għaliha n-nies kienu kkmandati minn Kristu biex joqgħodu għaliha llum.
2. Madankollu, hemm magħmudija li hija kkmandata għan-nies tal-lum.
   a. Ġesù ordna: "*Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19).
   b. Mark 16:15-16 – "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

B. Fix-xogħol ta' l-appostli u ta' dawk ispirati fiż-żmien appostoliku, huma ħadmu taħt il-Kummissjoni l-Kbira, u nsibu li huma għammdu lin-nies fl-ilma (Atti 8:36-38).

Ċ. X'inhi l-magħmudija Kristjana? L-Iskritturi li ġejjin jgħidulna:
1. Atti 8:36-39 – "*U huma u sejrin fit-triq, ġew fejn kien hemm l-ilma: u qal l-ewnuku: Ara, hawn l-ilma; x'inhu li jżommni li ma nitgħammidx? U Filippu qal: Jekk temmen b'qalbek kollha, tista'. U wieġeb, u qal: Nemmen li Ġesù Kristu hu Bin Alla. U waqqaf il-karru: u niżlu t-tnejn fl-ilma, sew Filippu u kemm l-ewnuku; u għammdu. U meta telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf 'il Filippu, hekk li l-ewnuku ma rahx aktar: u baqa' sejjer ferħan għal triqtu.*"
2. Rumani 6:3-4 – "*Ma tafux, li ħafna minna li konna mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu? Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt: biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja. Għax jekk sirna ħaġa waħda miegħu fix-xebh tal-mewt tiegħu, hekk ukoll inkunu fix-xebh tal-qawmien tiegħu.*"
3. Kolossin 2:12 – "*Midfunin miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu permezz tal-fidi fil-qawwa ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet.*"

D. Min għandu jitgħammed?
1. Dawk li jisimgħu (Atti 18:8), u huma mgħallma l-evanġelju ta' Kristu (Mattew 28:19-20).
2. Dawk li jemmnu f'Ġesù Kristu u fl-evanġelju Tiegħu (Mark 16:15-16).
3. Dawk li jindmu minn dnubiethom (Atti 2:38).

4. Dawk li jistqarru l-fidi tagħhom fi Kristu (Atti 8:37).

E. Għaliex titgħammed?
1. Għaliex Kristu kkmanda li għandna nitgħammdu (Mattew 28:19; Mark 16:16; Ġwanni 14:15; Rivel-azzjoni 22:14).
2. Għaliex il-magħmudija tpoġġina fi Kristu (Galatin 3:27).
3. Għaliex is-salvazzjoni hija fi Kristu (2 Timotju 2:10).

## KONKLUŻJONI

A. Ċertament li rajna li erba' mis-seba' magħmudijiet tal-Bibbja servew l-iskop tagħhom u għaddew; u li għad hemm waħda li trid tkun amministrata fil-futur. (il-magħmudija għall-mejtin hija l-magħmudija ta' l-ilma).

B. Dan iħalli sewwasew magħmudija waħda fil-qawwa llum; dik il-magħmudija waħda hija l-magħmudija ta' l-ilma amministrata lil emmieni penitent fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, li hija għall-maħfra tad-dnubiet.

Ċ. Kont int mgħammed jew mgħammda? Jekk *le "X'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ isem il-Mulej*" (Atti 22:16).